**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 127**
**It-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**8760. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8547 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Final Opinion on the regularisation process vis-à-vis the CTB concessions sent to the House of Representatives*" datat 29 April 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

16/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Peress li s-CTB kienet konċessjoni u mhux permess, bl-introduzzjoni tar-regolamenti ġodda ta' regolarizzazzjoni, il-punti ddikjarati fis-CTB huma suġġetti għall-proċedura ta' regolarizzazzjoni.

Seduta 127
29/05/2023

**FSWS – ŻJARA MINN MATTEO RENZI – SPIŻA**

**8761. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8537 u jgħid kemm ġiet tiswa ż-żjara ta' Matteo Renzi għall-konferenza "The Welfare State and Welfare Services: Present Challenges, Future needs" biex tfakkar il-25 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS)?

16/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta, li l-ispiża totali marbuta maż-żjara tal-Onor. Senatur Matteo Renzi, eks- Prim Ministru tal-Italja u Membru attwali tas-Senat tar-Repubblika tal-Italja kienet €20,000 (għoxrin elf Ewro).

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8774. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtha għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, tista' għal kull kuntratt tgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħt id-dekasteru ta' dan il-Ministeru m'għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8775. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li din is-sena kien hemm żewġ kuntratti ma' influencers mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Korp tal-Pulizija bil-għan li l-pubbliku inġenerali jkun mgħarraf bil-ħidma li qed issir min-naħa tagħhom. Il-ħlas sħiħ hu ta' €3,590.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – KUNTRATTI MA' INFLUENCER**

**8776. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru u/jew l-entitajiet li jaqgħu taħtu m'għandhom l-ebda kuntratt ma' influencers.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8777. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.
Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8778. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' l-Ministru għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru kkonċernat m'għandux kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma fuq pjattaformi tal-media soċjali.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - KUNTRATTI MA' INFLUENCERS**

**8779. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru u/jew kwalunkwe awtoritajiet/aġenziji li jaqgħu taħtu għandhomx kuntratti ma' influencers biex jippromwovu l-ħidma tal-istess Ministeru u/jew aġenziji lill-udjenza tagħhom fuq pjattaformi tal-media soċjali? Jekk iva, jista' għal kull kuntratt jgħid kemm intefqu flus fi promozzjonijiet sa mill-bidu tal-ftehim?

16/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għandha influencers barranin li jippromwovu lil Malta barra minn xtutna. Dawn jitħallsu tal-materjal li jkunu pproduċew abbażi ta' negozjar li jsir magħhom.

Seduta 127
29/05/2023

**ĦAD-DINGLI – TRIQ IT-TURRETTA - XOGĦOL FIS-SISTEMI TAD-DRENAĠĠ U ASFALTAR**

**8830. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li jitkompla x-xogħol fis-sistemi tad-drenaġġ u asfaltar fi Triq it-Turretta, Ħad-Dingli?

16/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 8830 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**RABAT – TELGĦA TAS-SAQQAJJA - RAPPORTI DWAR KATUSI**

**8831. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-rapporti ta' esperti li qalu biex il-katusi fit-Telgħa tas-Saqqajja r-Rabat jitħallew jidhru u mhux jitgħattew wara li tlesta l-proġett ta' riġenerazzjoni?

16/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul il-proġett, it-trattament tal-katusi kien ġie diskuss mal-Awtoritajiet kompetenti. Fost id-diversi metodi diskussi, ġie konkluż li l-aħjar soluzzjoni kienet li dawn il-katusi jinżebgħu kulur li jqarreb il-ġebla u mhux li jinksew b'ġebla minn knaten ġodda. Għaldaqstant din il-kwistjoni qatt ma mmeritat rapport tekniku, però biss konsultazzjoni.

Seduta 127
29/05/2023

**RABAT, MALTA – BDIL TA' COVERS TAL-PLASTIC FIL-BANKINI**

**8832. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkunu qed jinbidlu l-ammont kbir ta' covers tal-plastic imkissrin li saru fil-bankini l-ġodda ftit xhur ilu madwar ir-Rabat, Malta? Jista' jgħid min se jkun qed jinżamm responsabbli wara li dawn kollha tkissru malli saru?

16/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għamlet spezzjonijiet tul l-2022 f'diversi toroq u investigat sensiela ripetuta ta' ħsarat (tkissir) fl-għotjien ("covers") tal-plastik (uPVC) użati f'manholes u drawpits għall-provvista ta' servizzi fil-bankini (pedestrian). Irriżulta illi dawn ma kinux ċertifikati skont l-istandard Ewropew EN 124-1. Ġie nnotat ukoll "ageing" qawwi tal-materjal u PVC attribwit lir-raġġi UV li lokalment huma qawwija u fit-tul. Infrastructure Malta aġixxiet billi ħarġet (04/11/2022) direzzjoni teknika ċara lill-entitajiet terzi u lill-istaff tekniku tagħha sabiex b'mod immedjat jiġu installati BISS għotjien konformi mal-ispeċifikazzjoni Ewropea EN 124-1 – Dan ifisser illi l-materjal tal-"covers" ikun "ductile cast iron", l-istess bħalma jintuża fil-kareġġjata. Ir-reżistenza għall-piż (loading class) kif mitluba mill-istandard tkun dik għall-użu "pedestrian". Infrastructure Malta kompliet tinforza din id-deċiżjoni billi inkorporat speċifikazzjoni ċara fid-Tender Dynamic Purchasing (DPS) maħruġ f'Marzu, 2023 li tesiġi dan. Fir-rigward tat-toroq fir-Rabat u li saru b'"covers" tal-uPVC (installati bejn 2021 u 2022) IM ser tieħu ħsieb tissostitwixxihom b'oħrajn konformi mar-regoli kif indikati fid-DPS (2023).

Seduta 127
29/05/2023

**SEX OFFENDER TREATMENT BOARD - LAQGĦAT**

**8833. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk preżentement hux jiffunzjona s-'Sex Offender Treatment Board'? Jista' jgħid ukoll meta ltaqa' l-aħħar, min huma l-membri u kull meta huwa ppjanat li jiltaqa'?

16/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Board for the Treatment of Sex Offenders kien twaqqaf sabiex jagħmel studju u jagħmel r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministru. Dan il-Bord kien inħatar l-ewwel darba f'Ġunju 2018 għall-perjodu ta' sena u wara kien ingħata sitt xhur oħra sa Diċembru 2019.

Seduta 127
29/05/2023

**SAPPORT GĦAL PERSUNI MEQJUSA SEXUAL OFFENDERS**

**8834. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi tip ta' pjan ta' sapport, terapija u follow up ta' persuni meqjusa bħala "sexual offenders and individuals with deviant sexual and desires" wara li jirritornaw lura fil-komunità u/jew meta jiġu meqjusa tali mill-qorti?

16/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi d-dipartiment tal-Probation and Parole joffru superviżjoni u monitoraġġ ta' persuni meqjusa bħala sex offenders wara li dawn ikunu kisru l-liġi u ġew riferuti lid-dipartiment mill-Qorti.
Din is-superviżjoni tibqa' fis-seħħ għal tul il-perjodu tas-sentenza.
Is-superviżjoni u monitoraġġ isir mill-Uffiċjal tal-Probation filwaqt li l-Unità tal-Psikoloġija fi ħdan id-dipartiment toffri għajnuna speċjalizzata permezz tal-programm Sex Offender Intervention Programme (SOIP) li jiffoka fuq il-bżonnijiet ta' dawn il-persuni. Dan il-programm flimkien mas-superviżjoni jwassal għal riabilitazzjoni u reintegrazzjoni effettiva lura fil-komunità.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI – BORDIJIET – MEMBRI TA' UNIONS**

**8835. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm membri ta' xi union/s li ġew maħtura fuq xi bord fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni f'dawn l-aħħar sentejn?

16/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**GĦAWDEX – SEJĦA LI ĦARĠET INFRASTRUCTURE MALTA GĦAL XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**8862. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għas-sejħa li ħarġet Infrastructure Malta permezz ta' Dynamic Purchasing System fis-sena 2020, IM005/2020 - Establishment of a Dynamic Purchasing System for the Construction and maintenance of roads in different localities in Malta and Gozo - u peress li f'din is-sejħa kien hemm Għawdex inkluż, jista' l-Ministru jgħid x'toroq saru permezz ta' din is-sejħa ġewwa Għawdex, raħal raħal, u kemm kienet l-ispiża?

17/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 8862 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**KERĊEM, GĦAWDEX – TRIQ IT-TLETTAX TA' DIĊEMBRU - XOGĦLIJIET**

**8863. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għax-xogħlijiet li saru matul ix-xhur li għaddew mill-Ministeru tagħha fi Triq it-Tlettax ta' Diċembru ġewwa Santa Luċija, Kerċem, (Għawdex), tista' l-Ministru tgħid kemm ġie jiswa dan ix-xogħol u min kien il-perit (isem u kunjom) inkarigat mix-xogħol li sar, u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja taċ-ċertifikat tax-xogħol li sar fuq din it-triq u li ġie rilaxxat mill-perit inkarigat? Tista' tgħid jekk sarux quality control tests u jekk iva, min għamilhom, meta saru u tqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra? Tista' tgħid ukoll jekk sarux quantity surveyor reports fuq ix-xogħol li sar?

17/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li, fit-triq indikata, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għamlet xogħlijiet relatati man-netwerk tan-New Water f'Għawdex. Ix-xogħol sar taħt is-superviżjoni ta' Perit tal-Korporazzjoni u sewa €275,000 (VAT eskluża). Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokumenti mitluba. Sadanittant, ġejt infurmata wkoll li wara li tlestew dawn ix-xogħlijiet, inqalgħet ħsara f'cable tal-elettriku taħt l-art, f'parti mill-istess triq, u wara li saru t-tiswijiet meħtieġa jonqos li jingħata l-asfalt.

Seduta 127
29/05/2023

**BAJJIET F'MALTA U GĦAWDEX – SAND RENOURISHMENT FIL-BAJJIET**

**8864. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministu jgħid x'bajjiet ġewwa Malta u Għawdex sarilhom is-sand renourishment matul is-snin 2021 u 2022 u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll liema huma l-bajjiet ġewwa Malta u Għawdex li se jsirilhom is-sand renourishment qabel u matul is-sajf 2023 u kemm hi stmata li se tkun l-ispiża?

17/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma sar l-ebda sand renourishment f'Malta fl-2021 u 2022, filwaqt li għal din is-sena għadhom għaddejjin xi studji fuq numru ta' bajjiet.
Fir-rigward tal-bajjiet ġewwa Għawdex, nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8901. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8902. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor.Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 3721

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8903. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8904. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Grand Harbour Regeneration Corporation jikru l-post bħala uffiċini 11, Transport House, Triq Pietro Floriani, Floriana, kirja minn Novembru 2017 sa Ottubru 2027. Il-ħlas tal-ewwel 5 snin €90,000 fis-sena u tieni 5 snin €100,000 fis-sena. Sid il-post huwa Hili Properties, Nineteen Twenty Three, Valletta Road, Marsa. L-Awtorità tat-Trasport tikri l-Malta Transport Centre fi Triq Pantar, Lija. Il-kirja bdiet fid-19 ta' Jannar 2017 għall-perjodu ta' 10 snin, li jista' jkun estiż għal

ħames snin b'reviżjoni tal-kera, il-ħlas huwa ta' €1,864,843.68 lil Sudvel Ltd. Tikri ukoll A3 Towers Triq L-Arkati, Paola. Il-kirja bdiet fid-29 ta' Awwissu 2014 għall-perjodu ta' 5 snin u estiż għal 5 snin b'reviżjoni tal-kera skont iż-żieda fl-Indiċi tal-Bejgħ, il-ħlas huwa ta' €489,775.70 lil Paola Estates Ltd. Tikri ukoll Tiġrija Palazz, ir-Rabat Għawdex. Il-kirja bdiet fil-15 ta' Marzu 2015 għall-perjodu ta' 6 snin u estiż għall-perjodu ta' sentejn, il-ħlas huwa ta' €11,304.44 lil Tiġrija Developments Ltd.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8905. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ENTITAJIET LI JOPERAW MINN BINJIET BIL-KERA**

**8906. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu li joperaw minn binjiet li huma mikrija? Jista' jgħid ukoll liema binjiet huma, meta bdew jinkrew, kemm hi l-kirja kull sena u meta tagħlaq tali kirja?

17/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**PORT TAL-IMĠARR – DGĦAJJES REĠISTRATI MFA & MFB LI NGĦATAW IRMIĠĠ**

**8920. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm dgħajjes li huma reġistrati MFA u MFB ingħataw irmiġġ fil-Port tal-Imġarr bejn:
Jannar 2022 - April 2022;
Mejju 2022 -Awwissu 2022;
Settembru 2022 - Diċembru 2022; u
Jannar 2023 - April 2023?

17/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**PORT TAL-IMĠARR – ALLOKAZZJONI TAL-IRMIĠĠI**

**8921. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kif tingħata l-allokazzjoni tal-irmiġġi fil-Port tal-Imġarr? Jista' jgħid jekk kienx hemm bidla fil-politika għall-allokazzjoni tal-irmiġġi u kif din hi differenti u meta nbidlet?

17/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**POLICY DWAR BASTIMENTI**

**8922. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jikkonferma li l-"policy" kienet dejjem li tingħata prijorità lill-bastimenti li l-ħaddiema jiddependu fuqhom għall-għajxien tagħhom, bħas-sajjieda u l-bastimenti relatati mat-turiżmu?

17/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**TALBIET GĦALL-IRMIĠĠ**

**8923. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dokumenti biex jikkonferma li ma kien hemm ebda talba pendenti għal irmiġġ minn MFA jew MFB matul l-aħħar tliet snin fejn dgħajjes irreġistraw "S" minflok ingħataw irmiġġ?

17/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**BASTIMENTI REĠISTRATI "S"**

**8924. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jikkonferma li l-ebda bastiment ieħor irreġistrat "S" ma ngħata preċedenza fuq bastiment tal-MFA jew MFB jew bastiment kummerċjali minn mindu sar Ministru?

17/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**SENTENZI – ORDNI TA' PROBATION**

**8953. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw sentenzi li fihom kien hemm ordni ta' probation fl-2022?

18/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matil l-2022 ingħataw 149 ordni ta' probation.

Seduta 127
29/05/2023

**DIPARTIMENT TAL-PROBATION AND PAROLE - IMPJEGATI**

**8954. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni impjegati fid-Dipartiment tal-Probation and Parole u jekk hux mistenni li dawn jiżdiedu?

18/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**SENTENZI SOSPIŻA**

**8955. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw sentenzi li fihom kien hemm sentenza sospiża fl-2022?

18/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-2022 ingħataw 229 sentenza li fihom kien hemm sentenza sospiża.

Seduta 127
29/05/2023

**PAOLA HUB – XOGĦLIJIET**

**8956. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid f'liema stadju jinsab il-bini tal-Paola Hub, kemm intefaq s'issa u jekk xi ħadd mill-Ministeru ltaqax mar-residenti *in vista* tal-volum tat-traffiku li dan se jġib u d-diffikultà fil-parkeġġ?

18/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x-xogħol fuq iċ-Ċentru għas-Saħħa Reġjonali Vincent Moran huwa avvanzat u on target sabiex jilqa' l-ewwel pazjenti din is-sena. In-nefqa s'issa hi ta' madwar €29 miljun. Ninformah ukoll illi sar trafficimpact assessment minn Transport Malta mal-permess tal-binja, u l-proġett ġie ddisinjat b'parkeġġ inkorporat miegħu li ser jesa' madwar 230 karozza, għall-użu tal-pazjenti, l-istaff, u residenti tal-madwar.

Seduta 127
29/05/2023

**UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT TAL-ISTAT – KUNDIZZJONIJIET TAL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI**

**8957. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 7941, 8315, 8478 u 8702, jista' l-Ministru jara li n-negozjati jkunu verament? Jista' jagħti attenzjoni għal din is-sitwazzjoni u jittrattaha fl-iqsar żmien possibbli tenut kont tal-fatt li hemm differenza sostanzjali fil-kondizzjonijiet preżenti meta kkomparati ma' dawk tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u fl-interess tal-Istat ikun aħjar jekk ikunu uniformi?

18/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Filwaqt li għal darb'oħra nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet li tajt fir-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari bin-numri 7941, 8315, 8478 u 8702, nikkonferma li bħala Ministeru ser inkunu qed naraw li l-proċess tad-diskussjonijiet jibqa' għaddej sakemm il-partijiet isibu ftehim.

Seduta 127
29/05/2023

**MFHEA – YEARLY BUSINESS PLAN**

**8958. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8333 u 8705 u jgħid jekk matul dawn l-aħħar erba' snin fi ħdan il-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) kienx hemm Yearly Business Plan sottomess kull sena lill-Bord għad-diskussjoni u għall-approvazzjoni u jekk iva, jista' jqiegħed kopja ta' dawn fuq il-Mejda tal-Kamra?

18/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**SELMUN PALACE HOTEL – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL XOGĦLIJIET**

**8979. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8674 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3452, jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol li ġie approvat imsemmi fit-tweġiba għal din il-mistoqsija fuq is-Selmun Palace Hotel u allura applikazzjonijiet PA0719/99, PA6825/95 u PA2568/01, twettaqx, u dan għal kull applikazzjoni?

18/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-iżvilupp fir-rigward tal-permessi PA6825/95 u PA2568/01 ma ġiex imwettaq filwaqt illi l-iżvilupp ta' kamra kif approvat fil-permess PA719/99 ġie eżegwit.

Seduta 127
29/05/2023

**KONTROLL TAL-BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN**

**8980. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8534 dwar il-kontroll tal-bagħal taż-żunżan, jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar l-iskema ta' għajnuna msemmija fl-istess tweġiba lin-naħħala sabiex jingħataw kumpens għat-telf ta' produzzjoni marbuta mal-ħsara kkawżata mill-bagħal taż-żunżan, kif ukoll biex isservi ta' stimulu sabiex in-naħħala jinvestu f'nases fil-perjodu tar-rebbiegħa, biex b'hekk jinqabdu l-irġejjen? Attwalment fiex wasal dan il-proċess ta' għajnuna?

18/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli, fl-1 ta' Frar ta' din is-sena, nieda skema ta' għajnuna għan-naħħala li kienu reġistrati mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja sal-aħħar tas-sena 2022.

L-allokazzjoni totali taħt din l-iskema hija ta' €60,240 u l-ammont t'għajnuna mogħtija ġie kkalkulat fuq madwar 6,000 kolonja li kienu reġistrati mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja sal-aħħar tas-sena 2022, b'kumpens ta' €10 għal kull kolonja. Il-pagamenti dovuti se jiġu mħallsa matul Ġunjulil total ta' 165 naħħal eliġibbli.

Seduta 127
29/05/2023

**KONTROLL TAL-BAGĦAL TAŻ-ŻUNŻAN**

**8981. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8534 dwar il-kontroll tal-bagħal taż-żunżan, jista' l-Ministru jispeċifika n-numru sostanzjali ta' rġejjen li qabdu n-naħħala, maqsuma lokalità lokalità?

18/05/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**ĊENTRI TA' MATUL IL-JUM**

**8982. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' ċentri ta' matul il-jum f'Malta u f'Għawdex? Kemm minn dawn iċ-ċentri qed jitmexxew b'kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali? Liema huma ċ-ċentri mħaddma b'kollaborazzjoni mal-kunsilli lokali? F'kull każ, kemm hemm persuni jattendu dawn iċ-ċentri?

18/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Malta għandna 27 Ċentru għall-Anzjanità Attiva, 4 minnhom jitmexxew mill-Kunsill Lokali; dawn huma s-Swieqi, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Għargħur u Raħal Ġdid. L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità m'għandhiex ċentri ta' matul il-jum f'Għawdex.
Iċ-ċentri hawn taħt imsemmija jiġu mħaddma b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali:
Il-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, il-Mosta, l-Imġarr (Malta), Ħad-Dingli, is-Siġġiewi, in-Naxxar, Tas-Sliema, Sta Venera, Birkirkara, l-Imsida, Ħal Qormi, Sta Luċija, Pembroke, Ħal Kirkop, Ħal Safi, Birżebbuġa u Ħal Luqa.
In-numru ta' membri fiċ-ċentri għall-Anzjanità Attiva qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 127
29/05/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – BEJGĦ TA' PROPRJETÀ**

**8993. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8626 dwar bejgħ ta' proprjetà mill-Awtorità tal-Artijiet, jista' l-Ministru, għal kull każ, jinforma lill-Kamra bin-numru/referenza tat-tender kif ukoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-site plan għal kull każ?

19/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 127
29/05/2023

**BCRS - MIŻATA ANNWALI GĦALL-ĠBIR TA' KONTENITURI**

**8994. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li għaliha l-operaturi ta' bars u ristoranti li għamlu ftehim mal-operatur tal-BCRS għall-ġbir tal-kontenituri, qegħdin jintalbu jerġgħu jħallsu 'l-annual fee' tagħhom, u dan meta għadhom għaddew biss ftit xhur minn meta l-istess sistema bdiet taħdem?

19/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, skont il-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fl-iskema, l-operaturi tal-istabbilimenti tal-catering għandhom l-obbligu li jġeddu l-parteċipazzjoni tagħhom darba fis-sena. Minħabba li l-ewwel reġistrazzjoni kellha ssir qabel l-14 ta' Novembru 2022, hemm diġà numru ta' stabbilimenti li r-reġistrazzjoni tagħhom waslet biex tiġġedded. Dwar dawn saru diskussjonijiet u ntlaħaq qbil sabiex BCRS Malta Ltd. toħroġ credit notes pro-rata li jkopru l-perjodu bejn id-data tal-ewwel reġistrazzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-iskema, sabiex jagħmel tajjeb għall-ħlas preċedenti li kien sar.

Seduta 127
29/05/2023

**GĦAWDEX – SERVIZZ TA' PHYSIOTHERAPY FID-DJAR LILL-ANZJANI**

**8997. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-waiting list (f'tul ta' żmien) biex jingħata servizz ta' physiotherapy fid-djar mill-Gvern lill-anzjani f'Għawdex? Jista' jgħid x'servizzi ta' riabilitazzjoni għall-anzjani hemm f'Għawdex bħalma jingħata f'Malta fl-Isptar Karen Grech?

19/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm 38 każ pendenti ta' physiotherapy. Min-naħa l-oħra, it-tieni domanda ta' din il-mistoqsija parlamentari għandha tiġi referuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**RIFUŻJONI FUQ TAXXA MĦALLSA**

**8998. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, ma tikkwalifikax għaċ-cheque ta' rifużjoni fuq it-taxxa mħallsa peress li meta ċċekkjat mad-dipartiment ikkonċernat ġiet informata li ma tikkwalifikax għal din ir-rifużjoni?

22/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li informazzjoni mitluba fuq persuna speċifika ma tistax tiġi pprovduta minħabba d-dispożizzjonijiet dwar is-segretezza uffiċjali. Il-persuna inkwistjoni tista' tikkuntattja lit-Taxpayer Services, sabiex l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi jkun jista' jassistih.
Rigward il-kriterji biex persuna tikkwalifika għaċ-ċekk tar-rifużjoni tat-taxxa mħallsa, nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġibiet mogħtija fil-PQs numri 8694 u 8918.

Seduta 127
29/05/2023

**PROĠETT TAL-PONT BEJN IL-MARSA U ĦAL QORMI – PERSUNI LI WETTQU VANDALIŻMU JEW REATI**

**8999. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna, jekk kien hemm, tressqet fuq vandaliżmu jew reati oħrajn marbutin mal-istat diżastruż li qed jinżamm fih il-proġett tal-pont bejn il-Marsa u Ħal Qormi li ġie inawgurat is-sena li għaddiet?

22/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn Lulju tas-sena li għaddiet u llum kien hemm persuna li tressqet il-Qorti fuq akkużi li kkaġunat ħsara volontarja fil-lift tal-pont ta' bejn il-Marsa u Ħal Qormi, għad-detriment ta' Infrastructure Malta.

Seduta 127
29/05/2023

**PROĠETT TAL-PONT BEJN IL-MARSA U ĦAL QORMI – ĦSARAT FIL-LIFTS**

**9000. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba l-lifts, li saru parti mill-proġett tal-pont bejn il-Marsa u Ħal Qormi li ġie inawgurat is-sena li għaddiet, kellhom ħsara u/jew ma kenux qegħdin joperaw għall-pubbliku matul din l-aħħar sena? Jista' jagħti r-raġuni għalfejn ma kenux qegħdin joperaw?

22/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta fi ħdan il-Ministeru tagħmel spezzjonijiet u jsiru manutenzjonijiet perjodikament fuq il-lifts li jagħmlu parti mill-proġett riferut għalih f'din il-Mistoqsija Parlamentari. F'każ li tiġi nnotata xi ħsara fuq dawn il-lifts, tittieħed azzjoni immedjata sabiex il-ħsara tiġi rrimedjata.

Seduta 127
29/05/2023

**PROJECTS PLUS - PROĠETTI F'GĦAWDEX**

**9001. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' proġetti wettqet l-entità Projects Plus ġewwa l-gżira ta' Għawdex minn meta twaqqfet sal-lum u x'kien il-valur tagħhom? Jista' jgħid ukoll xi proġetti hemm ippjanati li jsiru minn Projects Plus ġewwa Għawdex matul is-sena 2023?

22/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Projects Plus Limited titqabbad minn Ministeri u entitajiet Governattivi biex toffri s-servizzi tagħha u tikkordina l-implimentazzjoni ta' proġetti infrastrutturali fuq bażi nazzjonali. S'issa din l-entità ħadmet ma' diversiMinisteri u entitajiet differenti u mhux eskluż li fil-futur taħdem ukoll proġetti fil-gżira Għawdxija. Bħalissa Projects Plus Limited tinsab iffukata fuq numru ta' proġetti f'Malta, li jvarjaw minn parkeġġi pubbliċi, housing soċjali, kumpless sportiv kif ukoll proġetti oħra fl-oqsma tas-sigurtà ta' pajjiżna.

Seduta 127
29/05/2023

**IX-XLENDI, GĦAWDEX – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PARKEĠĠ**

**9002. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2952 li ngħatat fil-31 ta' Ottubru 2022 dwar il-proġett tar-riġenerazzjoni tal-parkeġġ tax-Xlendi li kien tħabbar l-ewwel darba f'Jannar 2019 u baqa' jissemma f'kull baġit, iżda sal-lum baqa' ma sar xejn minnu fejn kien ġie mwieġeb li "bħalissa għaddejja konsultazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex niżguraw li din l-infrastruttura tilqa' għaż-żieda fin-numru ta' residenti ġewwa x-Xlendi", jista' l-Ministru jgħid

jekk ħarġux it-tenders għal dan ix-xogħol ta' riġenerazzjoni u jekk ġewx awarded? Jista' jgħid kemm hi stmata li se tkun l-ispiża fuq dan il-proġett u meta hu ppjanat li jinbeda u jitlesta x-xogħol?

22/05/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li rigward id-diskussjoniet mal-WSC ġew konklużi. Madankollu, nemmen li riġenerazzjoni tal-parkeġġ mingħajr ma ssir riġenerazzjoni tal-waterfront u l-areas tal-madwar ma tindirizzax l-issues kollha. Għalhekk se nibdew konsultazzjoni mas-sidien tal-istabbilimenti sabiex l-area tkun organizzata bħalma kien sar ġewwa Marsalforn. L-idea hi li jsir proġett ħolistiku sabiex issir riġenerazzjoni tax-Xlendi li taqdi aħjar l-esiġenzi tal-pubbliku, l-istabbilimenti u possibbilment tan-nuqqas ta' parkeġġ fiż-żona.

Seduta 127
29/05/2023

**LISTA TA' STENNIJA GĦAL INTERVENTI KIRURĠIĊI**

**9011. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fil-ħin li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm hi twila l-lista ta' stennija f'kull waħda minn dawn l-ispeċjalizzazzjonijiet tal-kirurġija:
a. Cardiac;
b. Dental;
ċ. ENT;
d. Gynae;
e. Neuro;
f. Ophthalmic;
g. Orthopaedic;
h. General Surgery;
i. Paediatric;
j. Plastic; u
k. Urology?

Jista' jgħid kemm minnhom huma stennija għal interventi fl-Isptar Mater Dei u kemm minnhom għall-Isptar ta' Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'inhu n-numru totali ta' pazjenti li llum qed jistennew biex jagħmlu intervent kirurġiku f'pajjiżna?

22/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni li talbet tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | **Number of Surgical Procedures/Interventions waiting for more then stipulated in the Patient Charter** |
|---|---|
| Cardiothoracic Surgery | 2 |
| Dental | 19 |
| Gynae | 30 |
| Ophthalmic | 686 |
| Orthopaedics | 3582 |
| ENT | 571 |
| General Surgery | 2949 |
| Neurosurgery | 44 |
| Paediatric Surgery | 288 |
| Plastic Surgery | 179 |
| Urology | 104 |

Seduta 127
29/05/2023

**PROMENADE BEJN SAN ĠILJAN U L-GŻIRA - MANUTENZJONI**

**9012. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4310, peress li jien kont qiegħed nistaqsi dwar manutenzjoni u mhux dwar tisbiħ, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan ta' manutenzjoni għall-promenade minn San Ġiljan sal-Gżira fid-dawl tal-ħsarat li hemm f'din il-promenade?

22/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li l-intervent tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi f'din il-materja ser ikun qed isewwi jew jagħmel mill-ġdid, skont il-bżonn, numru ta' bollards tal-konkos u jqabbad arbli tad-dawl ġodda mas-sistema elettrika fiż-żona ta' Għar id-Dud.

Seduta 127
29/05/2023

**LISTA TA' MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**9014. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8605, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-indirizz elettroniku jew il-ħolqa (link) li jwasslu biex il-pubbliku jara liema mediċini huma "out of stock" u dan minħabba li bħalissa l-link mhux qed iwassal għall-website tal-mediċini out of stock kif kienet sa ftit ġimgħat lilu?

23/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'konformità mal-inizjattiva tal-Amministrazzjoni Pubblika, health.gov.mt, saħħa.gov.mt u deputyprimeminister.gov.mt tmexxew għal healthservices.gov.mt.

Seduta 127
29/05/2023

**MCAST – STUDENTI F'KORSIJIET MARITTIMI**

**9015. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8841 u jgħid kemm hemm studenti li jirreġistraw u jiffinalizzaw studji f'korsijiet Marittimi fl-MCAST, inkluż prattika fuq bastimenti?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2017 s'issa, 225 student ġew irreġistrati u 117-il student iffinalizzaw il-korsijiet marittimi.

Seduta 127
29/05/2023

**FOSOS TAL-FURJANA – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI U/JEW RESTAWR**

**9016. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8008 u 8647, li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali rispettivament, u jgħid jekk hemmx ippjanat li jsir xi xogħol ta' manutenzjoni jew restawr, jew kwalunkwe xogħlijiet oħrajn li bihom se jirripristinaw il-Fosos tal-Floriana? Jista' jgħid liema entità hi responsabbli għall-manutenzjoni tal-imsemmija Fosos tal-Floriana?

23/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**RAMPA BEJN L-IMNAJDRA U ĦAĠAR QIM**

**9021. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex qed titkabbar ir-rampa bejn l-Imnajdra u Ħaġar Qim? Jista' jgħid jekk il-UNESCO ġietx avżata dwar dan kif jitolbu l-operational guidelines tagħhom?

23/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-passaġġ eżistenti li jgħaqqad lil Ħaġar Qim mal-Imnajdra nbena fil-bidu tas-sittinijiet. Wara aktar minn sittin sena ta' użu, il-biċċa l-kbira taċ-ċangaturi tal-franka kienu nkisru, u dan irriżulta f'perikli serji għas-sigurtà tal-viżitaturi, minbarra li estetikament ma kinux pjaċevoli u kienu jagħtu impressjoni ta' traskuraġni. Barra minn hekk, infurmat li xi partijiet tal-ħitan tal-konkrit li jżommu dan il-passaġġ sofrew ħsarat strutturali u kien hemm sogru li jaqgħu.

Intant infurmat li ricentament, Heritage Malta kienet iffaċċjata b'sitwazzjonijiet ta' emerġenza fejn viżitaturi kellhom jiġu assistiti minn tim mediku waqt li kienu fl-Imnajdra. Minħabba l-wisa' limitata tal-passaġġ, ambulanza ma setgħetx tinżel l-Imnajdra. Seħħew ukoll għadd ta' nirien fiż-żona madwar is-siti megalitiċi iżda l-vetturi tal-Protezzjoni Ċivili ma setgħux jilħqu s-sors tan-nar, b'riskju ta' ħsara serja kemm lill-istrutturi megalitiċi – li huma elenkati bħala Siti ta' Patrimonju Dinji – kif ukoll lill-ambjent naturali ta' dan is-sit ta' Natura 2000.

Infurmat li Heritage Malta studjat disinji alternattivi għal passaġġ ġdid, filwaqt li kkunsidrat il-kuntest tal-madwar, il-loġistika u l-metodoloġija tax-xogħol li għandha tiġi adottata biex is-siti jinżammu aċċessibbli u biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impatt fuq is-siwi arkeoloġiku u ekoloġiku taż-żona.

Fl-istess ħin, Heritage Malta kellha tagħżel disinn aħjar biex jiġi ffaċilitat l-aċċess f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Għalhekk, infurmat li Heritage Malta kellha żżid il-wisa' tal-passaġġ mingħajr ma tiġi estiża l-istruttura lil hinn mill-pedament eżistenti tagħha. Dan wassal għall-ħtieġa li kull naħa tal-passaġġ tisporġi b'35 ċm 'il barra bla ma jitwessgħu l-pedamenti. Infurmat li strutturalment, dan seta' jitwettaq biss bl-użu ta' planki tal-konkrit.

Infurmat li ntgħażlet sistema ta' precast minflok jingħata l-konkrit fuq il-post sabiex jitnaqqas kwalunkwe riskju ta' tixrid ta' materjal u biex tiġi ffaċilitata l-kostruzzjoni. Il-wiċċ tal-planki qed jitħalla biż-żrara tal-qawwi mqabbża, sabiex il-kulur aħħari tal-planki tal-konkrit jaqbel aktar mal-ambjent ta' blat fil-madwar. Infurmat ukoll li l-livelli tal-passaġġ eżistenti se jinbidlu wkoll f'għadd ta' punti sabiex tiġi segwita t-topografija taż-żona u fl-istess ħin jitnaqqas ir-riskju ta' waqgħat minn għoli eċċessiv tul dawn il-punti.

Sabiex jitjieb l-aċċess għad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'każ ta' nirien, infurmat li qed tiġi integrata wkoll sistema ta' tifi tan-nar fil-passaġġ il-ġdid li mhux biss se tilħaq lill-Imnajdra iżda se jkollha wkoll għad ta' punti ma' fejn jistgħu jitqabbdu l-pajpijiet tal-ilma. Il-passaġġ il-ġdid se jiffaċilita wkoll il-manutenzjoni tal-ilqugħ li jgħatti ż-żewġ siti.

Intant infurmat li x-xogħlijiet huma koperti mill-permess għall-iżvilupp PA1637/20, li minbarra r-rikostruzzjoni tal-passaġġ jinkludi wkoll it-tibdil tal-kmamar tal-uffiċjali tas-sigurtà li kien hemm sa issa f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

Infurmat ukoll li matul il-proċess tal-ippjanar u qabel ma nħareġ il-permess, kien hemm konsultazzjoni kontinwa kemm mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif ukoll mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li t-tnejn qed jissorveljaw ix-xogħlijiet li għaddejjin. Il-periti u l-arkeologi ta' Heritage Malta qed jagħmlu monitoraġġ u sorveljanza kontinwa wkoll.

Fuq nota finali, infurmat li kif mitlub fil-linji gwida dwar l-operat, il-UNESCO jiġu infurmati b'xogħol ta' manutenzjoni bħal dan fir-rapporti li jintbagħtu regolarment.

Seduta 127
29/05/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ PSAILA - BUS STOP**

**9022. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif il-bus stop li kien hemm fejn il-binja tal-GO ġewwa Triq Psaila, Birkirkara, iċċaqlaq u ħa erba' parking spaces, meta 100 metru 'l bogħod hemm bus stop quddiem Sunshine Store u ieħor fejn l-iskola? X'permessi kien hemm biex iċċaqlaq dan il-bus stop?

23/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li ninsab infurmat illi l-imsemmi 'Bus-Stop' ma jaqax fil-konfini ta' Birkirkara iżda ta' Santa Venera, nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi d-domanda tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ IL-KBIRA SAN ĠUŻEPP - BUS STOP U TRAFFIC LIGHTS**

**9023. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonsidra li l-bus stop u t-traffic lights li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp, ġewwa Birkirkara, quddiem l-Istitut San Ġużepp, jitressqu iżjed 'l isfel biex itaffu t-traffic jam li jkun ġej minn Triq l-Imdina u Triq Fleur-de-Lys, lejn il-Ħamrun u l-Belt?

23/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li Triq il-Kbira San Gużepp ġo Birkirkara ma teżistix. Jeżistu Triq il-Kbira u Triq il-Kbira Ħas Sajjied li ma jidhirx li fihom traffic lights u bus stops. Fil-każ li qed tirreferi għal Triq il-Kbira San Gużepp ġo Santa Venera, l-Awtorità tat-Trasport ma għandha preżentament l-ebda talba pendenti għal rilokazzjoni tal-bus stop u traffic lights. L-Awtorità tista' tikkunsidra t-talba ladarba din tidħol b'mod uffċċjali.

Seduta 127
29/05/2023

**MALTA FILM STUDIOS - MASTERPLAN**

**9024. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Masterplan għall-Malta Film Studios li skont il-Film Commissioner se jiswa €35 miljun? Jista' jippubblika l-baġit dettaljat għal dan il-pjan u action plan, sena b'sena?

23/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Malta Film Commission bħalissa qed taġġorna l-baġit tal-Master Plan. L-offerti għal proġett se jinħarġu fi żmien li ġej.

Seduta 127
29/05/2023

**MALTA FILM STUDIOS – SPIŻA TAL-MASTERPLAN**

**9025. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat tal-ispiża li saret mill-Gvern, mill-Malta Film Commission u minn entitajiet oħrajn fuq il-Masterplan għall-Malta Film Studios mill-2013 sal-aħħar ta' Ottubru 2022?

23/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għall-Estimi tal-Baġit li diġà tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 127
29/05/2023

**MALTA FILM COMMISSION – DĦUL MINN KIRI TAL-FAĊILITAJIET, UŻU TA' RIŻORSI UMANI U ADMINISTRATION FEES**

**9026. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ammonti kollha ta' dħul li rċeviet il-Malta Film Commission mill-kiri tal-faċilitajiet, użu ta' riżorsi umani u administration fees fil-Malta Film Studios għas-snin 2013, 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022?

23/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6088 u d-dokumenti mpoġġija fuq il-Mejda tal-Kamra. Sadanittant tlabt biex tinġabar il-bqija tal-informazzjoni.

Seduta 127
29/05/2023

**FERRY TERMINAL BEJN BORMLA U L-BELT**

**9028. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Billi l-Ferry Terminal bejn Bormla u l-Belt issa ilu bosta snin sabiex jitlesta, jista' l-Ministru jgħid meta se jibda jintuża mill-passiġġieri li jużaw il-ferry?

23/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġew ordnati xi fenders u wara li dawn jitwaħħlu t-Terminal ikun jista' jintuża. Dan qed isir biex niżguraw li dan it-Terminal ikun qed jintuża bl-aktar mod sigur.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – IMPJEGATI ĠODDA F'AWTORITAJIET U ENTITAJIET**

**9029. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 5791, 8341, 8492 u 8746 u jagħti rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-awtoritajiet u l-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu minn Marzu 2022 sal-lum, f'liema awtorità/entità ġew ingaġġati u minn liema lokalitajiet huma dawn il-ħaddiema? Jista' wkoll jispeċifika kemm minnhom ġejjin minn kull lokalità?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tabella t'hawn taħt b'rendikont ta' kemm ġew impjegati persuni ġodda fl-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi minn Marzu 2022 sal-aħħar t'April 2023. Dawn l-impjegati ġejjin minn lokalitajiet varji madwar Malta u Għawdex.
Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li qed nipprovdu wkoll rendikont tal-ħaddiema li fl-istess perjodu m'għadhomx mal-entità/awtorità minħabba raġunijiet varji.

| Entità/Awtorità | Ħaddiema Full-time ingaġġati | Ħaddiema Full-time li spiċċaw |
|---|---|---|
| Institute for Education | 9 | 4 |
| National Book Council | 1 | / |
| MFHEA | 5 | 6 |
| Foundation for Educaiton Services | 25 | 31 |
| National Literacy Agency | 18 | 9 |
| FTS | 1 | 2 |
| MCAST | 72 | 64 |
| UoM | 237 | 228 |
| Sport Malta | / | 6 |
| Equestri | 3 | / |
| MCST | 20 | 18 |
| Aġenzija Żgħażagħ | 4 | 2 |

Seduta 127
29/05/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – SAFAR**

**9030. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji dwar is-safra li għamel id-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin lejn l-aħħar ta' Marzu 2023? Minn min kien akkumpanjat f'din is-safra? X'inhi l-pożizzjoni li jokkupaw il-persuni li akkumpanjawh f'din is-safra u x'kienet il-ħtieġa li jakkumpanjawh?

23/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Kap Eżekuttiv, żewġ uffiċjali li jiffurmaw parti mill-uffiċċju ta' Strategy & Systems u Professur Giordamaina mill-Università ta' Malta u li jassisti lill-aġenzija, attendew il-konferenza organiżżata mill-ICPA (International Corrections and Prisons Associations) fuq riabilitazzjoni fil-ħabsijiet.

Il-Professur Giordmaina, flimkien mal-Kap Eżekuttiv ipparteċipaw f'din il-konferenza bħala membri tal-proġett REEDU (Erasmus + - Universita ta' Malta), fejn għamlu preżentazzjoni bit-titlu "Combining Project Based Learning, Positive Criminology and Systemic Practices for Rehabilitation within a Prison Context." Din il-preżentazzjoni kienet tiffoka fuq proġett ta' riabilitazzjoni fil-ħabs ta Malta.

L-uffiċjala li attendew jiffurmaw parti mill-uffiċċju ta' Strategy & Systems fi ħdan l-Aġenzija li jiffoka fuq strateġiji, żvilupp u sistemi ta' implimentazzjoni fil-ħabs.

Seduta 127
29/05/2023

**L-IMSIDA – SKOLA PRIMARJA – XOGĦOL**

**9031. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol fuq il-bini tal-Iskola Primarja tal-Imsida li kien intqal li kellha tiftaħ il-bibien tagħha fl-2019? Kemm sewa x-xogħol ta' demolizzjoni li kellu jsir f'parti ta' din l-iskola l-ġdida li nbniet ħażin? Min wettaq dan ix-xogħol u kemm tħallas? X'inhuma l-estimi tal-valur tax-xogħol li se jkollu jerġa' jsir minħabba dan ix-xogħol ħażin li sar u min ser jagħmlu? Min hu responsabbli mix-xogħol ħażin li sar f'din l-iskola l-ġdida? X'tip ta'passi legali beda l-Ministeru tiegħu jew l-FTS konsegwenza ta' dan ix-xogħol ħażin u fiex waslu dawn il-proċeduri, jekk ittieħdu?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**WEBSITE UFFIĊJALI TAL-GVERN – ISMIJIET TA' MEMBRI TA' BORDIJIET, AĠENZIJI PUBBLIĊI U KUMITATI**

**9032. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid għaliex fuq il-website uffiċjali tal-Gvern 'www.gov.mt' tneħħew l-ismijiet kollha tal-membri tal-bordijiet tal-aġenziji pubbliċi, kumitati u bordijiet oħra li qabel kienu jinsabu fuq il-link aċċessibbli mill-istess sit elettroniku? Min ta din l-ordni u għaliex?

23/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt informat li bħalissa s-siti elettroniċi tal-gvern għaddejin minn proċess ta' mmodernizzar. Dan anke ibba¿at fuq l-esperjenza ta' min ju¿ahom.

Fis-sit ta' kull Ministeru hemm inklu¿a l-lista tal-bordijiet u entitajiet li jaqgħu taħt dak il-Ministeru u meta wieħed jgħa¿el dik l-entita ikun iddirezzjonat għat-tagħrif meħtieġ dwar dik l-entità, inklu¿ dak li qed jirreferi għalih l-Onor.Interpellant. Dan biex ikun faċli biex wieħed isib it-tagħrif dwar l-entitajiet u s-servizzi li jaqgħu taħt kull Ministeru.

La jitlesta dan il-proċess jingħaqad ukoll mas-sit li qed jagħmel referenza għalih l-Onorevoli Interpellant. Informat li l-proċess mistenni jingħalaq fil-ġimgħat li ġejjin.

Infakkar lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni li jagħmel referenza għaliha fid-domanda tiegħu hija ukoll diġa' pubblika.

Seduta 127
29/05/2023

**SKOLA GUARDIAN ANGEL – MULTI-SENSORY ROOM**

**9033. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8120 jista' l-Ministru jgħid kemm-il siegħa ntużat il-Multi-Sensory Room fl-Iskola Guardian Angel?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**SKOLA GUARDIAN ANGEL – AUDIT**

**9034. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar audit li sar għall-Iskola Guardian Angel?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**SKOLA GUARDIAN ANGEL – DIRETTIVI MILL-MUT**

**9035. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi direttivi min-naħa tal-Malta Union of Teachers (MUT) fir-rigward tal-Iskola Guardian Angel u jekk iva, liema huma, għaliex inħarġu u kemm ilhom fis-seħħ?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**MVPA – INVESTIMENT KAPITALI**

**9036. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-investiment kapitali fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva (MVPA), sena b'sena, minn mindu twaqqfet u jelenka wkoll fiex kien jikkonsisti l-investiment?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**SKEJJEL – ŻJARAT MINN MEMBRI PARLAMENTARI**

**9037. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Membri Parlamentari humiex jingħataw il-permess biex iżuru skejjel statali u jiltaqgħu mal-amministrazzjonijiet fuq talba tagħhom stess?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**KULLEĠĠ SAN INJAZJU – SKOLA SEKONDARJA – ASSISTENTI KAPIJIET, GĦALLIEMA U LSES LI TALBU GĦAL DEPLOYMENT**

**9038. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm Assistenti Kapijiet, għalliema u LSEs talbu għal deployment biex ma jibqgħux fl-Iskola Sekondarja tal-Kulleġġ San Injazju?

23/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika l-perjodu li qed jirreferi għalih.

Seduta 127
29/05/2023

**MOSTA – PROĠETT TAT-TOROQ**

**9061. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti aktar dettalji dwar il-proġett li hemm għaddej fil-lokalità tal-Mosta, ċjoè l-proġett li nbeda minn Triq San Pawl tal-Qlejja, lejn Triq il-Kbira u issa fi Triq il-Kostituzzjoni? X'tip ta' xogħlijiet qegħdin isiru f'dawn it-toroq? X'tip ta' riżultat ser ikun qed jitgawda mir-residenti Mostin? Peress li kull proġett ta' progress dejjem iġib perjodu ta' rigress sakemm jitlestew ix-xogħlijiet, jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li se jdum għaddej dan il-proġett biex inkunu nistgħu ngawdu l-frott tiegħu u jitlestew ix-xogħlijiet?

23/05/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor Inerpellant li kif inhu indikat fil-mistoqsija, dan il-proġett maqsum f'numru ta' fażijiet u nbeda mill-parti ta' Triq San Pawl tal-Qlejja u Triq il-Kunċizzjoni lejn l-aħħar tas-sena 2019 b'diskussjonijet u qbil mal-kunsill rispettiv u l-awtoritajiet ikkonċernati. Il-proġett sħiħ se jkopri tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku, bini ta' toroq mill-ġdid, servizzi ġodda, sistema ta' ġbir ta l-ilma tax-xita, u tisbiħ tal-pjazza u l-madwar. Dan kollu, kumplimentat minn titjib f'diversi rottot arterjali u distributorji li ġa saru jew qed isiru mad-dawra tal-Mosta.

Seduta 127
29/05/2023

**KUNSILLI LOKALI – KUNSILLIER NISA U RĠIEL**

**9062. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi dettalji dwar ir-rappreżentenza femminili li hemm fil-Kunsilli Lokali wara l-elezzjoni ta' Mejju 2019? Jista' jgħid kemm hemm membri eletti fil-Kunsill Lokali li huma nisa, irġiel u t-total ta' membri li huma eliġibbli għal kull lokalità li jiġu eletti fil-kunsill, maqsuma lokalità lokalità għat-68 kunsill lokali? X'inhu t-total ta' kandidati nisa u rġiel li kkandidaw ruħhom imqabbel mat-total ta' kandidati nisa u rġiel li ġew eletti għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 2019? Jista' jagħti informazzjoni dwar is-sess, l-età u l-lokalità ta' dawk eletti?

23/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex tingħabar l-informazzjoni mitluba.

Seduta 127
29/05/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – PROĠETT TAL-GALLARIJA – XOGĦOL**

**9063. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar il-proġett tal-gallarija f'San Pawl il-Baħar u jgħid meta huwa mistenni li jitlesta dan ix-xogħol?

23/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġett tal-gallarija ġewwa San Pawl il-Baħar huwa investiment ta’ aktar min nofs miljun ewro li l-MTA qiegħda tagħmel sabiex tinżamm il-wegħda li jibqa’ mantenuti il-proġett oriġinali li kien ġie mwettaq mill-istess Awtorità fl-2011 (bħala parti minn proġett akbar). Dan il-proġett għandu jitlesta sa nofs Lulju 2023.

Seduta 127
29/05/2023

**FSWS – PAJJIŻI LI JUŻAW IN-NOMENKLATURA ‘SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS’**

**9073. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2348 fejn jingħad li “Tajjeb li nikkonkludi billi ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li n-nomenklatura ta’ Social Welfare Professional (SWP) mhix professjoni ivvintata u kkreata milll-FSWS imma hija professjoni u nomenklatura li qed tintuża wkoll barra minn Malta u dan minħabba li f’pajjiżi barranin ukoll hemm nuqqas ta’ social workers u li, allura, qed jiġu indirizzat ukoll b’dan il-mod.”, jista' l-Ministru jgħid liema huma dawn il-pajjiżi li jużaw in-nomenklatura ‘social welfare professionals’?

23/05/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li b’referenza għall-mistoqsija tagħha, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra screenshots mill-website tal-European Social Network (ESN), u li tagħha l-FSWS hija membru, li juri kif barra minn Malta tintuża l-frażi social (welfare) services professionals imqassra għal social services professionals.
Billi hawn Malta teżisti tradizzjonalment konnotazzjoni ta’ benefiċċji mal-kelma servizzi, l-FSWS ippreferiet li tuża l-frażi social welfare professionals.
Ilum kulħadd jagħraf li fil-qasam tal-ħarsien soċjali hemm il-ħtieġa li jaħdmu flimkien numru dejjem jikber ta’ professjonisti f’timijiet multi-dixxiplinarji fejn is-social work jieħu r-rwol ta’ key worker li jlaqqa’ flimkien id-diversi professjonisti li jkunu qed jassistu lis-service user.
Dan kollu mhux talli ma jbaxxix il-professjoni tas-social work imma talli jgħinha tiżviluppa u tikber.

Seduta 127
29/05/2023

**KORP TAL-PULIZIJA – TAQSIMA TAT-TRAFFIKU – PULIZIJA**

**9074. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pulizija tat-traffiku (li huma attivi u mhux sospiżi) fit-Taqsima tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulizija?

23/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi t-total ta’ pulizija li huma attivi fit-Taqsima tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulizija f’dawn il-gżejjer, huwa ta’ tmienja u tletin.

Seduta 127
29/05/2023

**KORP TAL-PULIZIJA – TAQSIMA TAT-TRAFFIKU – PULIZIJA SOSPIŻI**

**9075. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm pulizija tat-traffiku sospiżi fit-Taqsima tat-Traffiku fi ħdan il-Korp tal-Pulzija?

23/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li persuna li tiġi sospiża mill-Korp ma tibqax assenjata ma' skwadra u, kemm-il darba tirritorna fis-servizz, tkun tista' tintbagħat f'kull taqsima, skont l-esiġenzi.

Seduta 127
29/05/2023

**VITTMI TAT-TRAFFIKAR UMAN**

**9076. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati vittmi tat-traffikar uman (human trafficking victims) fl-2018, 2019, 2020, 2021 u fl-2022 maqsuma sena b'sena? X'inhi l-identità tal-ġeneru ta' kull vittma? X'inhi n-nazzjonalità ta' kull vittma?

23/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi in-numru ta' vittmi tat-traffikar uman għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022 kien kif jidher fit-tabella riprodotta hawn taħt. Din l-informazzjoni tinkludi wkoll persuni li nstabu li kien hemm 'pimp' li qed jiprostitwixxihom u għaldaqstant ikunu wkoll ikkunsidrati bħala traffikar uman. It-tabella tinkludi l-ġeneru u n-nazzjonalità ta' kull vittma.

| Sena | Total ta' vittmi | Ġeneru | Nazzjonalità |
|---|---|---|---|
| 2018 | 16 | 1 Ragel<br>15 Nisa | 1 Nepaliż<br>14 Filippini<br>1 Maltija |
| 2019 | Xejn | - | - |
| 2020 | 4 | 4 Nisa | 3 Maltin<br>1 Filippini |
| 2021 | Xejn | - | - |
| 2022 | 5 | 5 Nisa | 2 Kolumbjani<br>3 Venezweljana |

Seduta 127
29/05/2023

**JUVENILE COURT - TFAL IMRESSQA LI KELLHOM TAĦT IT-18-IL SENA**

**9077. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8419 u jgħid kemm tressqu tfal taħt it-18-il sena quddiem il-Juvenile Court fis-snin 2020, 2021 u 2022 u x'kienet l-età tagħhom?

23/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fis-snin 2020, 2021 u 2022 b'kollox tressqu mija tmienja u tmenin (188) każ quddiem il-Juvenile Court li l-età tagħhom tvarja bejn l-erbatax (14) u t-tmintax (18)-il sena.

Seduta 127
29/05/2023

**JUVENILE COURT - REATI**

**9078. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8420 u jgħid għal liema reati tressqu tfal taħt it-18-il sena quddiem il-Juvenile Court fis-snin 2020, 2021 u 2022? Kemm minn dawn il-każijiet instabu ħatja? Kemm minn dawn il-każijiet għadhom pendenti?

23/05/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-każijiet kollha deċiżi għal liema reati tressqu, x'kienet l-età tagħhom, kemm minnhom instabu ħatja u x'sentenza ngħataw għas-snin 2020, 2021 u 2022. Kawżi pendenti sal-aħħar ta' April 2023 hemm mija tlieta u sittin (163) każ.

Seduta 127
29/05/2023

**KANNABIS – UŻU - PERSUNI MĦARRKA**

**9085. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid il-pulizija kemm ħarrku persuni li nqabdu jagħmlu użu mill-kannabis f'postijiet pubbliċi matul l-2022 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari fid-dawl li din għadha illegali? Jista' jgħid ukoll kemm tħarrku persuni maqsuma skont dawn il-lokalitajiet:
a. Paceville;
b. San Ġiljan;
ċ. Tas-Sliema;
d. il-Gżira;
e. Marsalforn, Għawdex;
f. il-Belt Valletta; u
g. Wied il-Għajn?
Jista' jgħid x'kienu l-etajiet tal-persuni mħarrka u jekk dawn kinux Maltin jew barranin? Jista' jgħid ukoll matul dan l-istess żmien, kemm tħarrku persuni mill-pulizija li waqt li kienu qed isuqu l-vetturi tagħhom, kienu taħt l-effett tal-kannabis?

23/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi in-numru totali ta' persuni li ġew imħarrka wara li nqabdu jagħmlu użu mill-kannabis f'postijiet pubbliċi matul is-sena 2022 sal-aħħar ta' April 2023 kienu ta' 31.

Seduta 127
29/05/2023

**KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA – KUNTRATT TA' IMPJIEG**

**9090. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokument ta' impjieg jew kuntratt ta' impjieg/servizz li jirregola l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-Kummissarju tal-Pulizija preżenti?

24/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari numru 7373.

Seduta 127
29/05/2023

**LESA – VETTURI MINGĦAJR IL-LIĊENZJA MĦALLSA**

**9091. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba fl-aħħar erba' snin, uffiċjali tal-LESA sabu vetturi ta' Transport Malta li ma kellhomx ir-road licence mħallsa, liema vetturi kienu mikrija mill-privat?

24/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li ċitazzjoni li tirrigwardja liċenzja ta' ċirkulazzjoni ta' vettura, tinħareġ fuq sid il-vettura. Ma ssirx distinzjoni li min hi mikrija tali vettura, u tali informazzjoni ma tiġix reġistrata.

Seduta 127
29/05/2023

**KORP TAL-PULIZIJA – ASSISTENTI KUMMISSARJI**

**9092. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-Assistenti Kummissarji li għandu l-Korp tal-Pulizija fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

24/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi preżentement l-Assistenti Kummissarji li huma attivi fil-Korp tal-Pulizija huma erbgħa: AC Mallia, AC Theuma, AC Haber u AC Xuereb.

Seduta 127
29/05/2023

**PACEVILLE – KAMERAS TAS-SIGURTÀ**

**9093. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'qed iżomm lill-Korp tal-Pulizija milli jinstalla kameras tas-sigurtà fil-qalba ta' Paceville quddiem il-Burger King? Jista' jgħid jekk huwiex għaqli li kull meta jkun hemm inċident, il-Pulizija jridu jiddependu fuq is-CCTV privati tal-istabbilimenti viċin?

24/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Korp tal-Pulizija jagħmel użu minn kwalunkwe camera li jkun hemm bżonn.

Seduta 127
29/05/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9094. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninfurma lill-Onor.Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 127
29/05/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA -ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**9095. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

24/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 1532.

Seduta 127
29/05/2023

**PROJECT GREEN – PROĠETTI TA' SPAZJU MIFTUĦ AĦDAR ĠDID**

**9140. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Wara li l-aġenzija Project Green ħabbret 16-il proġett ta' spazju miftuħ aħdar ġdid li ġew magħżula, tista' l-Ministru tgħid u tipprovdi lista tal-applikazzjonijiet li ma ġewx magħżula u tgħid min kien l-applikant u xi proġett ġie propost?

24/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra, ninforma lill-Onor. Interpellant li Project Green diġà qed titkellem ma' ħafna mill-applikanti li ma ntgħażlux għall-ewwel sejħa tal-Community Greening Grant, biex naraw kif il-proġetti tagħhom nistgħu nagħmluhom ambjentalment aktar sostenibbli u eventwalment inwettquhom.

F'Jannar li għadda, ftit jiem biss wara li twaqqfet Project Green, nedejna l-Community Greening Grant - l-ikbar skema li qatt rajna s'issa f'pajjiżna għal proġetti ambjentali. Din l-iskema ser tissarraf f'€10 miljun lill-komunità biex jitwettqu proġetti ambjentali li jagħmlu differenza pożittiva u reali fil-lokalitajiet. Fl-istess ħin qed naħdmu fuq proġetti kbar filwaqt li komplejna niftħu spazji miftuħa ġodda u riġenerati. F'anqas minn ħames xhur diġà tajna 32,000 metru kwadru

Bis-16-il proġett f'din l-ewwel sejħa tal-iskema, hu stmat li ser noħolqu żoni mħaddra li jistgħu jilħqu 110,000 persuna, f'temp ta' 10 minuti mixi. Dawn il-proġetti jammontaw għal 80,000 metru kwadru ta' spazji mħaddra ġodda – jiġifieri 10 darbiet daqs il-Fosos tal-Floriana. Uħud minnhom se jsiru fuq artijiet li setgħu ġew żviluppati għall-bini u li issa se jinbidlu f'pulmuni t'arja nadifa. Intgħażlu proġetti li juru firxa ta' inizjattivi differenti u li se jwasslu għat-tħawwil t'aktar minn 6,400 siġra.

Seduta 127
29/05/2023

**MTA - ĦRUĠ TA' LIĊENZJA LIL LUKANDA FIL-MELLIEĦA**

**9141. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx ipprovduta liċenzja mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) lil-lukanda li tinsab fil-binja li hemm fi Triq Ħalq iċ-Ċawl c/w Triq L-Iżbark tal-Franċiżi c/w Triq in-Nases c/w Triq il-Fortizza, il-Mellieħa?

24/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Intepellanta li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu ma pprovdiet l-ebda liċenzja ta' lukanda fil-binja li qed tiġi indikata.

Seduta 127
29/05/2023

**ARMS – KUNTRATTI**

**9147. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-kuntratti kollha li ngħataw mill-ARMS Ltd minn Jannar 2022 sal-ġurnata li fiha qed issir din il-mistoqsija parlamentari, u f'kull każ tgħid għal liema servizz ingħata l-kuntratt, lil min jew lil liema kumpanija, kemm kien l-ammont, u ngħatax b'tender, direct order, jew mod ieħor?

24/05/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 127
29/05/2023

**PENSJONANTI – TNAQQIS TA' TAXXA MILL-PENSJONI**

**9148. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8695 u jgħid kemm hu n-numru ta' pensjonanti li titnaqqsilhom it-taxxa mill-pensjoni tagħhom?

24/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 7,628 taxpayer li ddikjaraw li fl-2021 kellhom dħul biss minn pensjoni u li din il-pensjoni eċċediet l-ammont li fuqu hemm ir-rimborż tat-taxxa fuq il-pensjoni; filwaqt li kien hemm 13,211 taxpayer li ddikjaraw dħul min pensjoni fl-2021 u rċevew iċ-ċekk tar-rifużjoni tat-taxxa peress li kienu għadhom qed jaħdmu fl-2021.

Seduta 127
29/05/2023

**ĊEKKIJIET TAR-RIFUŻJONI TAT-TAXXA**

**9149. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet l-ispiża kollha relatata maċ-ċekkijiet li ntbagħtu fl-aħħar ġimgħat relatati mar-rifużjoni tat-taxxa? Jista' jagħti rendikont ta' kull spiża involuta li tikkomprendi wkoll il-ħlasijiet li saru sabiex jiġu pproċessati u jitwasslu dawn iċ-ċekkijiet u wkoll l-ispiża relatata maċ-ċekkijiet u l-ittri li ntbagħtu?

24/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-valur sħiħ taċ-ċekkijiet ta' rifużjoni tat-taxxa kien ta' €26.2 miljun, li minnhom gawdew mal-250,000 persuna bbażat fuq it-taxxa li ħallsu fis-sena 2021. Dan bħala parti mill-proċedura li ddaħħlet snin ilu biex il-ħaddiema f'pajjiżna jiġu kkumpensati, b'dawk li jaqilgħu l-inqas jieħdu l-akbar kumpens, li jvarja bejn €60 u €140 kull persuna.
Infurmat li l-ispiża totali fuq proċessar, stampar u posta kienet tammonta għal €222,966.43.

Seduta 127
29/05/2023

**ĊEKKIJIET TAR-RIFUŻJONI TAT-TAXXA**

**9150. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ir-rifużjoni ta' taxxa li ngħatat fl-aħħar ġimgħat mhijiex qed tingħata lil kull min ħallas it-taxxa fl-2021? Jekk iċ-ċekkijiet li ntbagħtu huma rifużjoni ta' taxxa skont kif ġie mħabbar mill-Gvern stess, għaliex din ir-rifużjoni mhijiex tingħata lil kull minn ħallas it-taxxa?

24/05/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġibiet mogħtija f'PQs 8694 u 8918.

Seduta 127
29/05/2023

**RAPPORTI DWAR KAŻIJIET TA' ABBUŻ FUQ L-ANZJANI**

**9151. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrapportati każijiet ta' abbuż fuq anzjani fis-sena 2022? Jista' jgħid ukoll x'kienet in-natura ta' dawn ir-reati kriminali u kemm kienu dawn ir-reati kriminali skont in-natura tagħhom?

24/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi kif ingħad fi tweġibiet għall-mistoqsijiet simili, fis-sistema kompjuterizzata tal-pulizija li tiġbor ir-rapporti kollha, ma hemmx kategorija speċifika għal reati kriminali fuq persuni anzjani jew fuq bażi ta' età. Il-kategoriji huma bbażati fuq it-tip ta' reat imwettaq. It-tabella hawn taħt turi n-numru ta' rapporti fis-sena 2022, fil-kategorija ta' reati meqjusa bħala abbużivi fin-natura tagħhom, miġbura fuq persuni ta' sittin sena jew aktar li huma reġistrati bħala vittmi ta' reati. L-informazzjoni ma tirriflettix fin-numru ta' vittmi, peress li rapport wieħed jista' jinkludi aktar minn persuna waħda u għalkemm persuna anzjana tkun imniżżla bħala vittma f'rapport, tista ma' tkunx il-persuna prinċipali fil-mira diretta tal-aggressur.

| Rapporti li jinvolvu persuna/i ta eta' 60 sena jew aktar | |
|---|---|
| **Tip ta' rapport** | **2022** |
| Omiċidju volontarju | 1 |
| Feriti fuq il-persuni | 78 |
| Vjolenza domestika | 180 |
| Serq b'armi | 1 |
| Mugging | 2 |
| Snatch and Grab | 8 |
| Stupru | 1 |

Seduta 127
29/05/2023

**DEMENTIA ACTIVITY DAY CENTRES – SERVIZZ TAS-SILVER T**

**9152. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-servizz tas-Silver T, issa li ġie estiż fuq livell nazzjonali, huwiex qed jingħata diġà lil dawk il-persuni li jattendu d-Dementia Activity Day Centres? Jekk iva, jista' jgħid kemm hemm persuni li jattendu d-Dementia Activity Day Centres li jużaw dan is-servizz u f'liema ċentri jattendu? Jekk le, jista' jgħid jekk dan is-servizz huwiex se jibda jingħata lil kull min jixtieqi u li qed jattendi xi wieħed minn dawn iċ-ċentri?

24/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizz tas-Silver-T bħalissa mhux qiegħed jintuża mid-Dementia Activity Centres minħabba raġunijiet ta' sigurtà li huma assoċjati mal-fażijiet avvanzati tal-kundizzjoni tad-Dimensja.
Bħalissa l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed taħdem biex fil-futur jibda jingħata servizz ta' trasport maħsub apposta għal dawn iċ-ċentri.

Seduta 127
29/05/2023

**BELT VALLETTA – TURISTI**

**9153. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru ta' turisti li qattgħu l-btala tagħhom f'akkomodazzjonijiet li jinsabu fil-belt kapitali matul is-sena 2022?

24/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ma jippubblikax ċifri ta' numri ta' turisti li jakkomodaw ruħhom skont il-lokalità. L-istatistika disponibbli tiddistingwi biss bejn ċifri nazzjonali, ċifri għall-gżira ta' Malta u ċifri għall-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna.

Seduta 127
29/05/2023

**BELT VALLETTA – AVERAGE OCCUPANCY RATE**

**9154. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-average occupancy rate ta' lukandi li jinsabu fil-belt kapitali matul is-sena 2022?

24/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Intepellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9153.

Seduta 127
29/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9155. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8542 u 8755 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: two state school teachers were subjected to improper treatment at their place of work*" datat 8 ta' Ġunju 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**RAPPORT MILL-UFFIĊĊJU TAL-OMBUDSMAN**

**9156. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8543 u 8756 u ċjoè: B'referenza għar-rapport mill-Uffiċċju tal-Ombudsman "*Recommendations not implemented: Covid health protocol prevented certain LSEs from taking the 15 minutes to break others were entitled to*" datat 5 ta' Lulju 2021, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress u x'inhi r-raġuni għalfejn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew injorati?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 127
29/05/2023

**BELT VALLETA - LIFT - KUNTATT F'KAŻ TA' EMERĠENZA**

**9160. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema hi l-awtorità responsabbli mill-manutenzjoni tal-lift ta' Bieb il-Belt? Jista' jgħid ukoll xi jrid isir u ma' min irid isir kuntatt f'każ ta' emerġenza?

25/05/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 127
29/05/2023

**STUDENTI NEQSIN MIS-SMIGĦ LI GĦADDEW MILL-EŻAMIJIET TAL-MATSEC**

**9175. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu n-numru ta' studenti neqsin mis-smigħ li rnexxielhom jgħaddu mill-eżamijiet tal-MATSEC (O'Levels u A'Levels)?

25/05/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tikkjarifika għal liema perjodu qed tirreferi.

Seduta 127
29/05/2023

**ENTITAJIET TAL-GVERN**

**9177. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8699 u 8983 u jipprovdi lista ta' kull entità tal-Gvern li b'xi mod tirċievi subvenzjoni finanzjarja mill-Gvern? Jista' għal kull entità jgħid:
a. min hu l-Ministeru responsabbli;
b. l-istatus tagħha, jekk hijiex awtorità jew aġenzija jew xi definizzjoni oħra;
ċ. jekk il-pożizzjoni teżisti, l-isem u l-kunjom tal-Kap Eżekuttiv kif ukoll il-pakkett finanzjarju (inkluż is-salarji u l-allowances) tiegħu; u
d. jekk il-pożizzjoni teżisti, l-isem u l-kunjom taċ-Chairperson kif ukoll il-pakkett finanzjarju (inkluż is-salarji u l-allowances) tiegħu?

25/05/2023

**ONOR. ROBERT ABELA**: Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra t-tagħrif mitlub għall-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta 127
29/05/2023

**BORMLA – DAR RESIDENZJALI TAL-ANZJANI – XOGĦLIJIET**

**9178. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet għandu għad-dar residenzjali tal-anzjani ta' Bormla? Jista' jgħid jekk din id-dar hijiex se tkun qed tingħalaq temporanjament sakemm isiru x-xogħlijiet fiha jew jekk hux ser tingħalaq b'mod permanenti? Fi kwalunkwe każ, jista' jagħti aktar dettalji dwar x'ser ikun qed jiġri mill-anzjani li jirrisjedu f'din id-dar kif ukoll mill-ħaddiema kollha li jagħtu servizz f'din id-dar?

25/05/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li din id-dar qiegħda fi stat li mhux konformi mal-istandards dinjitużi u għoljin li l-Gvern qed jesiġi fil-preżent. Hemm bżonn li l-infrastruttura qadima (inkluż bini, elettriċità u plumbing, kif ukoll id-drenaġġ) tiġi mibdula f'faċilità kompletament ġdida u moderna, kif maqbul f'laqgħat tal-Kabinett tal-Ministri. Ir-residenti ser ikunu rilokati b'mod prattiku u sigur, kif diġà ġara f'ċirkostanzi simili.
Mil-lum it-Tnejn 29 ta' Mejju, uffiċjali mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità bdew jiltaqgħu mal-anzjani u l-qraba tagħhom u ser jiġi spjegat il-proċess.
Il-ħaddiema li jagħtu servizz f'din id-dar huma tal-privat.

Seduta 127
29/05/2023

**MELLIEĦA – ŻONA MAGĦRUFA BĦALA L-AĦRAX TAL-MADONNA – APPLIKAZZJONI (PA6403/21)**

**9179. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għall-applikazzjoni (PA6403/21) approvata b'mod anomalu ħafna mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq sit ta' Natura 2000 fiż-żona magħrufa bħala l-Aħrax tal-Madonna limiti tal-Mellieħa, minkejja rakkomandazzjonijiet għal rifjut minn numru ta' entitajiet fosthom l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jiġi kkonsidrat li dan il-permess jiġi revokat?

25/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità tal-Ippjanar ma għandha l-ebda talba quddiema biex tirrevoka l-permess PA 6403/21.

Seduta 127
29/05/2023

**MTA - ĦRUĠ TA' PERMESS GĦAL LUKANDA FIL-MELLIEĦA**

**9180. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) tatx permess (PA5909/17) biex topera lukanda fid-daħla tal-Mellieħa (biswit il-Welbees Supermarket), liema lukanda fl-aħħar jiem kien hemm deċiżjoni tal-Qorti li din l-istess lukanda qatt ma kellu jinħareġ il-permess għaliha mill-Awtorita tal-Ippjanar u li l-istess permess irid jiġi revokat? Jekk ingħata l-permess mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-permess ġiex revokat?

25/05/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9141.

Seduta 127
29/05/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - ĦRUĠ TA' PERMESS GĦAL LUKANDA FIL-MELLIEĦA**

**9181. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'passi se tkun qed tieħu l-Awtorità tal-Ippjanar wara sentenza tal-Qorti li ngħatat fl-aħħar jiem li lukanda fid-daħla tal-Mellieħa (biswit l-istabbiliment Welbees), li tagħha ħareġ il-permess (PA5909/17) mill-Awtorità fl-2019, qatt ma kellu jinħareġ l-istess permess u li għandu jiġi revokat?

25/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Fid-dawl tas-sentenza mogħtija fejn parti mill-permess maħruġ ġiet imħassra, l-applikant għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jindirizza l-pożizzjoni fid-dawl tat-tali deċiżjoni.

Seduta 127
29/05/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - ĦRUĠ TA' PERMESS GĦAL LUKANDA FIL-MELLIEĦA**

**9182. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min se jerfa' r-responsabilità politika u amministrattiva għall-ħruġ tal-permess PA5909/17, liema permess inħareġ mill-Awtorità tal-Ippjanar u li l-Qorti, f'sentenza fl-aħħar jiem, stqarret li dan il-permess qatt ma messu nħareġ u li għandu jiġi revokat?

25/05/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorità sa mit-twaqqif tagħha dejjem tieħu nota tad-deċiżjonijiet li jingħataw minn żmien għal żmien mill-Qrati u tieħu nota tal-insenjament tal-Qorti u tal-interpretazzjonijiet li tagħti fis-sentenzi tagħha.

Seduta 127
29/05/2023